MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 286/2006

**Maltacom Plc**

**V**

**Susan Camilleri**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avvizipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-29 ta' Settembru 2006 permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' elf hames mija erbgha u disghin lira tlieta u tmenin centezmu maltin (LM1594.83) rapprezentanti ammont minnha dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici skond kif jirrisulta mid –Dokument A. Kopja tal-applikazzjoni giet annessa u markata bhala Dokument B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxxijiet kontra l-konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni nhar l-14 ta' Mejju 2007 skond kopja tal-gazetta lokali *The Times* esebita fl-atti u markata dokument MLT1, u fil-gazzetta tal-Gvern datata il-25 ta' Mejju 2007 skond kopja esebita fl-atti, olte li giet notifikata bl-affissjoni fir-residenza Blk 4, Flat 6, Triq l-Inkurunazzjoni Bormla, nhar it-30 ta' April 2007 u kopja ta' l-avviz gie ukoll moghti l-Ghassa tal-Pulizija, Bormla u lill-kunsill Lokali, Bormla nhar it-30 ta' April 2007.

Rat illi fis-seduta tal- 18 ta' Gunju 2007 l-konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha tirrisulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf hames mija erbgha u disghin lira tlieta u tmenin centezmu maltin (LM1594.83) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------